31983D0516

L 289/38 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.10.1983

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-17 ta' Ottubru 1993
fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew

(83/516/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-abbozz mressaq mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/66/KEE ta' l-1 ta' Frar 1971 fuq ir-riforma tal-Fond Soċjali Ewropew (4), kif emendata bid-Deċiżjoni 77/801/KEE (5), kienet, bis-saħħa ta' opinjoni tal-Kummissjoni ibbażata fuq l-Artikolu 126 tat-Trattat, soġġetta għar-reviżjoni, kif provdut fl-Artikolu 11 ta' dik id-Deċiżjoni; billi ikun xieraq li tinbidel b'Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida li twaqqaf regoli għall-Fond;

Billi x-xogħol tal-Fond hu li jipparteċipa b'mod partikolari fil-finanzjament ta' taħriġ professjonali, il-promozzjoni ta' l-impjiegi u l-mobilità ġeografika;

Billi l-Fond għandu jsir strument aktar attiv biex iħeġġeġ il-politiki ta' impjiegi; billi biex tintlaħaq din il-firxa ta' nies eliġibbli għall-assistenza għandha titkabbar biex twessa' b'mod partikolari l-possibbilità ta' għajnuna lil dawk li jaħdmu bħala ħarrieġa, esperti fl-għajnuna tal-vokazzjoni jew esperti tat-tqegħid f'impjiegi, u aġenti ta' żvilupp;

Billi l-Fond għandu jagħmel sforz speċjali biex jiżviluppa l-impjiegi, partikolarment f'impriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex tkun modernizzata t-tmexxija jew il-produzzjoni jew ikunu applikati teknoloġiji ġodda;

Billi l-Fond, bħala strument ta' politika ta' l-impjieg għandu, wara li jagħti każ tal-prinċipju ta' solidarjetà tal-Komunità, jikkontribwixxi kemm jista' jkun b'mod effettiv u konsistenti għas-soluzzjoni tal-problemi l-aktar serji u partikolarment il-ġlieda kontra l-qgħad, inkluż okkupazzjoni nieqsa strutturali u t-tħeġġiġ ta' impjiegi fost il-gruppi l-aktar affettwati;

Billi, f'dan ir-rigward u mingħajr preġudizzju għall-għajnuna li kategoriji ta' persuni li huma partikolarment vulnerabbli fis-suq tax-xogħol (partikolarment nisa, nies b'diżabilità u l-emigranti) għandhom ikomplu jirċievu, parti importanti tar-riżorsi tal-Fond għandhom ikunu allokati għall-miżuri favur l-impjiegi taż-żgħażagħ, partikolarment dawk li għandhom ftit opportunitajiet ta' impjieg jew li kienu qiegħda matul perjodu twil;

Billi huwa mixtieq li, fid-dawl ta' l-esperjenza, li proċeduri għall-għoti ta' għajnuna tal-Fond għandhom isiru aktar flessibbli u simplifikati b'mod partikolari bl-iffissar ta' ammonti b'rati fissi.

(1) ĠU C 308, 25.11.1982, p. 4
(2) ĠU C 161, 20.6.1983, p. 51
(3) ĠU C 124, 9.5.1983, p. 4
(4) ĠU L 28, 4.2.1971, p. 15
(5) ĠU L 337, 27.12.1977, p. 8

Billi l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għat-tfassil ta' linji ta' gwida għat-tmexxija tal-Fond biex tkun żgurata konċentrazzjoni aktar effettiva fuq ħidmiet skond il-prijoritajiet Komunitarji u ma' programmi ta' azzjoni relatati fil-qasam ta' impjieg u taħriġ professjonali;

Billi din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta f'perjodu fiss,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

L-Artikolu 1

1. Il-Fond għandu jgħin fl-implimentazzjoni ta' politiki maħsuba biex tattrezza l-ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi stab bli u biex jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg. Għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għad-dħul u l-integrazzjoni soċjo-professjonali ta' żgħażagħ u ħaddiema żvantaġġati, għall-adattament tal-ħaddiema għall-iżviluppi tas-suq tax-xogħol u għall-bidla teknoloġika u għar-riduzzjoni ta' sbilanċi reġjonali fis-suq tax-xogħol.

2. Il-Fond għandu jipparteċipa fil-finanzjament ta' ħidmiet rigward:

(a) taħriġ professjonali u gwida;

(b) ingaġġ u sussidji ta' pagi;

(ċ) ristabbiliment u integrazzjoni soċjo-professjonali fir-rigward ta' mobilità ġeografika;

(d) servizzi u pariri tekniċi dwar il-ħolqien tax-xogħol.

L-Artikolu 2

1. Għajnuna tal-Fond għandha tingħata għall-ħidmiet mwettqa kemm minn korpi regolati mid-dritt pubbliku kif ukoll korpi regolati bid-dritt privat.

2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu t-tmiem b'suċċess tal-ħidmiet. Iżda, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għall-ħidmiet li għalihom l-għajnuna tal-Fond tkopri kull spiża eliġibbli.

L-Artikolu 3

1. L-għajnuna tal-Fond tista' tingħata għall-ħidmiet imwettqa fil-qafas tal-politiki dwar is-suq tax-xogħol ta' l-Istati Membri. Dawn il-ħidmiet għandhom jinkludu partikolarment dawk intiżi biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ, notevolment permezz ta' miżuri ta' taħriġ professjonali wara l-ikkompletar ta' l-edukazzjoni *full-time* obbligatorja.

2. L-għajnuna tal-Fond tista' tingħata wkoll għall-ħidmiet speċifiċi mwettqa li l-għan tagħhom hu li:

— tħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' proġetti ġodda, bħala regola ġenerali fil-qafas ta' programm ta' azzjoni adottat mill-Kunsill, jew

— teżamina l-effettività ta' proġetti għal liema hija mogħtija l-għajnuna tal-Fond u l-faċilitazzjoni ta' bdil ta' esperjenza.

L-Artikolu 4

1. L-għajnuna tal-Fond tista' tingħata l-ewwelnett biex tħeġġeġ l-impjiegi għaż-żgħażagħ taħt l-età tal-25 sena, partikolarment dawk b' opportunitajiet ta' impjieg partikolarment ħżiena, speċjalment minħabba nuqqas ta' taħriġ professjonali jew taħriġ inadegwat u dawk li huma qiegħda għal żmien twil.

2. L-għajnuna mill-Fond tista' tingħata ukoll biex tħeġġeġ l-impjiegi għall-persuni li ġejjin li jaqbżu l-età tal-25 sena:

(a) nies qegħda, li huma mhedda bil-qgħad jew li jaħdmu inqas milli jistgħu u partikolarment in-nies qiegħda fit-tul;

(b) nisa li jixtiequ jmorru lura għax-xogħol;

(ċ) persuni b'diżabilità li jistgħu jaħdmu fis-suq miftuħ tax-xogħol;

(d) ħaddiema emigranti li jiċċaqalqu jew iċċaqalqu fi ħdan il-Komunità jew isiru residenti fil-Komunità biex jaħdmu, flimkien mal-membri tal-familji tagħhom;

(e) persuni li huma impjegati l-aktar f'impriżi zgħar jew ta' daqs medju u li jirrikjedu taħriġ mill-ġdid biex ikunu introdotti għal teknoloġija ġdida jew titjib ta' teknika ta' tmexxija f'dawk l-impriżi.

3. Għajnuna tal-Fond tista' tingħata ukoll lil persuni li jiġu ingaġġati bħala istrutturi, gwida professjonali jew esperti ta' tqegħid jew aġenti ta' l-iżvilupp.

L-Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi li ġejjin, għajnuna mill-Fond għandha tingħata bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża eliġibbli mingħajr, iżda, ma teċċedi l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri kkonċernati.

2. Fil-każ ta' ħidmiet biex tmexxi 'l quddiem l-impjiegi fir-reġuni fejn hemm żbilanċ speċjalment serju u mtawwal fl-impjiegi, dawk ir-reġuni għandhom ikunu definiti mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, l-għajnuna mill-Fond għandu jiżdied b'10 %.

3. Fil-każ ta' ħidmiet taħt l-Artikolu 3(2), li l-għan tagħhom hu li tkun eżaminata l-effettività tal-proġetti għal liema ngħatat l-għajnuna tal-Fond u li jitwettqu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, l-għajnuna għandha tkopri l-ispiża kollha eliġibbli.

4. Għat-tipi ta' spejjeż determinati mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, l-għajnuna tal-Fond għandha tingħata fuq il-bażi ta' rata fissa.

5. L-għajnuna tal-Fond m'għandhiex tirriżulta f'iffinanzjar żejjed ta' l-ispiża eliġibbli.

L-Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, qabel l-1 ta' Mejju ta' kull sena u għat-tliet snin finanzjarji ta' wara, skond din id-Deċiżjoni, u wara li tikkonsidera l-bżonn li tħeġġeġ l-iżvilupp armonjuż tal-Komunità, il-linji ta' gwida tat-Tmexxija tal-Fond biex ikun determinat liema ħidmiet jirriflettu l-prijoritajiet tal-Komunità kif definiti mill-Kunsill u b'mod partikolari l-programmi ta' azzjoni fil-qasam ta' l-impjieg u taħriġ professjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill il-linji ta' gwida mfassla b'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, wara li tikkonsidra kull opinjoni espressa mill-Parlament Ewropew u għandha tippubblikahom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 7

1. L-allokazzjonijiet maħsuba għall-għajnuna tal-Fond għall-proġetti ta' kull xorta immirati għaż-żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom ikunu anqas f'kull sena minn 75 % tal-krediti kollha disponibbli.

2. L-allokazzjonijiet maħsuba għall-għajnuna tal-Fond għall-proġetti ta' kull xorta immirati għaż-żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 3(2) għandhom ikunu anqas f'kull sena minn 75 % tal-krediti kollha disponibbli.

3. Mill-allokazzjonijiet kollha disponibbli għall-ħidmiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), 40 % għandhom ikunu disponibbli għall-ħidmiet eliġibbli li jikkonformaw mal-linji ta' gwida għat-tmexxija tal-Fond u immirati għat-tħeġġiġ ta' impjiegi fi Greenland, il-Greċja, u d-Dipartimenti Franċiżi lil hinn mill-baħar, l-Irlanda, il-Mezzogiorno, u l-Irlanda ta' Fuq. L-allokazzjonijiet li jibqa' għandhom ikunu kkonċentrati fuq ħidmiet dwar impjiegi f'oqsma oħra ta' qgħad għoli u fit-tul u/jew ristrutturar industrijali u settorjali.

L-Artikolu 8

L-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 125 tat-Trattat m'għandhiex tingħata aktar.

L-Artikolu 9

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. Id-Deċiżjoni 71/66/KEE hija hawnhekk imħassra. Iżda, dik id-Deċiżjoni u d-Deċiżjonijiet meħuda bis-saħħa ta' l-Artikolu 4 tagħha għandhom jibqgħu applikabbi għall-ħidmiet li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet mgħoddija qabel l-1 ta' Ottubru 1983.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji ta' gwida tat-Tmexxija tal-Fond għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Diċembru 1983.

L-Artikolu 10

Il-Kunsill għandu jirrivedi din id-Deċiżjoni sa l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 1988. Jekk xieraq, din id-Deċiżjoni għandha tkun emendata fid-dawl ta' opinjoni ġdida tal-Kummissjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis- 17 ta' Ottubru 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

G. VARFIS

L – ANNESS

STQARRIJIET LI GĦANDHOM JIDDAĦLU FIL-MINUTI

Stqarrija ad l-Artikolu 3(2)

"Il-Kummissjoni tiddikjara li ser tkompli kif qed tagħmel fil-preżent biex tħeġġeġ miżuri fuq ir-ri-organizzazzjoni u r-riduzzjoni ta' ħin tax-xogħol li tista' tkun inkluża fil-ħidmiet msemmija fl-Artikolu 3(2).

Il-Kummissjoni ser teżamina il-possibbiltà li tuza l-Artikolu 3(2) biex iżżomm il-qligħ tal-ħaddiema affettwati bil-ħidmiet tar-ristrutturar jew konverżjoni u għandha tirrapporta lura lil-laqgħa futura tal-Kunsill."

Stqarrija tal-Kunsill ad l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 3(2)

"Proġetti li jirriżultaw minn resoluzzjonijiet tal-Kunsill fuq kwistjonijiet fil-kompetenza tal-Fond jistgħu jibbenefikaw biss mill-għajnuna tal-Fond sakemm jikkonformaw mal-kriterji ta' l-eliġibbilità kif definiti mir-regoli li jiggvernaw ix-xogħlijiet u l-ħidma tal-Fond."

Stqarrija ad l-Artikolu 4

"Waqt li tinnota li n-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mill-għajnuna tal-fond huwa relattivament żgħir, il-Kummissjoni tindika li l-pajjiż li jirċievu ħaddiema emigranti għandhom jagħmlu sforż importanti biex jintegrawhom."

Stqarrija ad l-Artikolu 4(3)

"Il-Kummissjoni tistqarr li l-għajnuna tal-Fond, ristretta għat-taħriġ ta' esperti tat-tqegħid, eskluża kull kontribuzzjoni għall-ħlas ta' aġenti pubbliċi għandha tingħata meta t-tħaddim tat-tmexxija tas-suq tax-xogħol ikollu bżonn jittejjeb."

Stqarrija ad l-Artikolu 5(1)

"Il-Kunsill jistqarr li l-korpi kostitwiti bħala organizzazzjonijiet ta' profitt għandhom iġorru għal-linqas 10 % ta' l-ispiża eliġibbli fuq ħidmiet li għalihom jirċievu għajnuna tal-Fond. Konformità ma' dan il-principju għandha tkun verifikata meta jsir l-aħħar pagament."

Stqarrija ad l-Artikolu 6

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jistqarru li attenzjoni speċjali għandha tingħata lill-proġetti li jħeġġu l-impjieg f'żoni fejn ir-rata tal-qgħad hija partikolarment għolja paragunata mal-medja nazzjonali."

Stqarrijiet ad l-Artikolu 7

"Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli l-istudji tagħha biex tilħaq makkinarju statistiku affidabbli, wara li tikkonsidra fost oħrajn il-kriterju tal-PGD minn ras għal ras, u biex tippreżenta proposti xierqa fuq is-suġġett qabel l-1 ta' Lulju 1984 ħalli l-Kunsill ikun jista' jaġixxi qabel il-31 ta' Diċembru 1984."

"Il-Kummissjoni tiddikjara li tikkonsidra li l-allokazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu huma allokazzjonijiet kommessi."